**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Diċembru, 2016.

Talba nru: 393/2016AM3

Numru fuq l-lista: 8

**GO plc (C22334)**
**Triq Fra Diegu, Marsa**
**MRS1501**

**Vs**

**Romina Galea (323472M)**
**2, April,**
**Triq Guze' Maria Camilleri**
**Hamrun**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-26 ta' Settembru, 2016 li tiegħu s-Soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta' hames mija tlieta u sebghin ewro u wiehed u tlettin centezmu (€573.31c) liema ammont huwa in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40089699.

Ra li mill-atti jirriżulta li l-konvenuta giet debitament notifikata u pprezentaT nota t'ammissjoni kif ukoll li skont ftehim mas-Socjeta' attrici hija ser thallas dan l-ammont f'pagamenti ta' mitt ewro (€100) fix-xahar.

Ra l-verbal tas-seduta tal-25 ta' Novembru, 2016.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-Soċjeta` attriċi s-somma ta' hames mija tlieta u sebghin ewro u wiehed u tlettin centezmu (€573.31c) b'rati mensili ta' mitt ewro (€100) fix-xahar u l-imghaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) jibdew jiddekorru jew mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tad-19 ta' April, 2016 jew mid-data ta' meta gew intavolati dawn il-proceduri fis-26 ta' Settembru, 2016 skont liema wahda avverat ruhha l-ewwel.

L-ispejjeż, inkluż ta' kwalsiasi ittra uffiċjali u mandat fl-ismijiet premessi relatati mal-ammont mitlub f'dan il-kawża, huma a kariku tal-konvenuta.

**Av Anna Mallia**
**Ġudikatur**